L-EWWEL KTIEB MARZU
TAL-HAMSA U TLETIN SENA 1959

IL-MALTI

QARI

LI TOHROĠ

IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

KULL TLIET XHUR

KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GHADD

EDITORJAL — Il-Personalità ... ... faċċ. 3

ĠUŻI ABELA — *Elf Darba Omm* ... ... ,, 5

VINCENT CARUANA — L-Oriġinalità fil-Poeżija ,, 6

VINCENT CARUANA — *Dilemma Żżommni Sieket!* ,, 12

PAWLU CARUANA — *L-Ghanja tal-Warrani* ... ,, 13

K. VASSALLO — San Pawl fil-Poeżija ta' Dun Karm ,, 14

G. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. (London)
— *Epigrammi* ... ... ,, 23

EDITUR — Kronaka tal-Ghaqda ... ... ,, 25

M. CASSAR — Tahdita tal-Ftuh tal-Ghaqda Letterarja tal-Malti fl-Awstralja ,, 25

Reċensjonijiet ... ... ,, 31

DIRETTUR: Prof. Guze Galea, M.B.E., M.D., D.P.A.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona,
53, Triq Wara S. Ubaldeska, Paula.

Hlas 4s. ns-sena. Ktieb wieħed 1s.
Il-ħlas ta' ar-Rivista jinbaghat lil
Victor Apap, 22, Triq it-Torri,
Tas-Sliema

IL-MALTI

QARI

LI TOHROĠ

IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

KULL TLIET XHUR

IL-HAMSA U TLETIN SENA

1959

STAMPERIJA TAD-DAR TA' SAN ĠUŻEPP,
HAMRUN

IL-MALTI
QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI
MARZU 1959

IL-PERSONALITA'

IL-PERSONALITA' hi ħaġa magħġuna ma' riħet il-bnedmin u tagħżilhom wieħed mill-ieħor; ma għandhiex sura materjali, iżda xejritha tinħass u teħrek f'dak kollu li jitwettaq min-nies. Haġa tal-għaġeb x'setgħa għandha l-personalità ta' bniedem, li tqanqlu u tgħollih fost sħabu, tqiegħdu bħala mexxej fosthom, tholl ilsienu, tiftaħlu moħħu u tagħnih b'kelma li ssarraf ħafna, li tolqot sewwa jew li ssikket kull tlablib.

Mhux kulħadd jitwieled bid-don tal-personalità. Hawn min jiret dan id-don mit-twelid u hawn min jiksbu bit-tħabrik, bil-għaqal jew bit-tiġrib tal-ħajja. Hawn oħrajn li jeħaddu għomorhom neqsin mill-personalità; nies bħal dawn dejjem jimxu malġliba, dejjem jagħmlu dak li jwebbilhom ħaddieħor, dejjem jifhmu kif ifissrilhom dak ta' fuqhom. Dawn huma nies ta' min jagħdirhom jekk mhux ta' min jistmerrihom, għax huma qatt ma jieħdu sehem fit-tiġdid jew it-tixtil tal-ħajja. Għalihom din id-dinja qisha maħżen fejn jitgezzu sakemm tiġi l-mewt toħodhom.

Min-naħa l-oħra hemm nies li l-personalità tleħħ minnhom bħalma xrar itir minn fil elettriku. Dawn huma l-mexxejja fost il-kotra; jistgħu jkunu nies bla ġmiel, bla għaneg, bla tagħlim, imma ġewwa fihom ikun hemm qawwa jew setgħa li taħkem jew tisboq lill-oħrajn; kelmthom tmiss ruħ min jismagħhom u tixgħellu dehnu. Nies bħal dawn jogħlew fost il-kotra bħalma ċ-ċipress jogħla 'l fuq mill-ħurtan. Nies bħal dawn jieħdu bil-ħeffa l-post ewlieni u jaqbdu f'idejhom ir-riedni tat-treġija. Minn din il-għamla ta' nies jissawru d-dittaturi li jaħtfu l-ħakma tal-pajjiż u jmexxu kollox huma. Dawn huma n-nies li jagħtu sura oħra lill-pajjiż, li jqanqlu mewġa ġdida fil-ħajja ta' kuljum, li jistgħu jagħmlu ġid bla tarf jew jisfgħu ta' deni bla qies lill-għajrhom.

Hemm oħrajn li jnisslu l-personalità tagħhom bil-għaqal u bil-ħsieb matul it-tiġrib tal-ħajja, u għalkemm fi ckunithom ma kellhom xejn x'jaqlagħhom minn sħabhom, wara li kibru, għolew u ntgħażlu u kelmthom saret issarraf ħafna fost il-kotra. Bħal ħafna doni oħra, il-personalità, jekk wieħed ma jitwelidx biha, jista' jħassilha jekk ikollu rieda qawwija u sabar biżżejjed.

X'tiswa l-personalità fil-ħajja tal-bniedem? Hija għandha setgħa kbira u ħeġġa tal-għaġeb biex tgħaqqad il-bnedmin f'rabta ta' ħbiberija, ta' mgħodrija u ta' sliem. Il-personalità tiswa biex tiftaħ il-għajnejn u tħeġġeġ il-qlub, tista' tqajjem xewqat ġodda jew tagħti bidu għal drawwiet u xejriet mhux ta' dari. Imma bħalma hi mezz ta' ġid, il-personalità tista' tisfa ta' deni u ħsara jekk min hu mogħni biha ma jinqediex biha għas-sewwa u l-ħaqq. L-istorja tad-dinja hija mimlija bi traġedji kbar li jekk wieħed joqgħod jistħarriġhom sewwa jsib li kellhom il-bidu tagħhom f'xi personalità bla qies li kellu xi bniedem bla raj u bla qalb. Min jista' jgħid kemm kien hawn flien li mhux bis-saħħa ta' dehenhom jew ta' ħilthom, iżda bis-seħer ta' kelmthom u ta' mġibithom ħatfu setgħa kbira u għamew 'il kotra għal warajhom. Setgħat bħal dawn, jekk ma jkunux imnebbħin mis-sewwa u l-ħaqq, jistgħu jqanqlu għawġ, tixwix u twegħir kbar u jġibu ħsara bla tarf. Min-naħa l-oħra, jekk dawn is-setgħat iwettqu l-ġid u s-sliem fost il-bnedmin, huma jisfgħu ta' fejda u ta' barka u jnisslu sura ta' hena u ta' ferħ fil-ħajja ta' kuljum.

Hawn min jaħseb li l-personalità iġġib magħha qawwa u kburija biss, iżda mhux kull min hu mogħni bil-personalità jiġbed in-nies għal warajh bil-qawwa ta' kelmtu jew bis-seħer ta' bixritu. Hawn min il-personalità tiegħu fiha għamla ta' ħlewwa u ta' qdusija li jqanqlu ġibda fil-qalb ta' min jismagħhom jew jarahom. Nies bħal dawn ma jfittxux il-kobor tad-dinja jew ittlellix tal-ħajja, imma ma jonqsux li jsaħħru l-kotra u jiġbduha lejn is-sewwa u lejn is-sliema. Huma għandhom il-ħila jixeġħlu fil-qlub xrar ta' mħabba, ta' mogħdrija u ta' ħniena li mingħajrhom il-ħajja ma tistax tkun hienja u fejjieda. San Franġisk t'Assisi kien bniedem fqajjar u ġwejjed, iżda l-personalità tiegħu nisslet xejra ġdida fil-ħajja ta' żmienu, xegħlet il-qlub għal għamil tajjeb u ġibdet ħlejjaq għal warajh; is-setgħa tiegħu għadha tinħass sal-lum.

Din il-personalità lieżma u rżina għandha saħħa aktar milloħra, li tixgħel u li tidwi b'ħoss kbir, u tħeġġeġ u tqajjem mewġiet li jgħaddu wara li jqajmu taqlib kbir. Il-personalità sjekta tolqot aktar fl-irqiq tal-qalb, tħeġġeġ ir-ruħ, tfiehem il-moħħ. Hadd ma jista' jgħid fid-dinja kemm hawn nies li qegħdin jagħmlu ġid bil-personalità mostura tagħhom, x'uħud minnhom bla ma jafu. Dawn huma n-nies li bil-kelma t-tajba, bil-għamil xieraq, bl-imġieba għaqlija, qegħdin iżommu sħiħa u qawwija s-sisien ta' l-umanità,

Meta bniedem ikun mogħnij b'xi setgħa minn Alla l-Imbierek, jeħtieġlu jinqeda biha għall-ġid ta' għajru u għal ġieh ta' Min ħalqu, għalhekk jonqsu minn dmirhom dawk li għandhom il-personalità u ma jseddquhiex. Jekk huma jibqgħu bierda u bla ħajr id-don sabiħ li bih Alla żejjinhom jibqa' ħawli u bla siwi, qisu siġra tal-qamħ u bla sbul. Meta bniedem sewwa u bil-għaqal jeħtieġlu jorqom u jkattar il-personalità tiegħu, jeħtieġlu wkoll iħawtel u jħabrek biex jinqeda b'dik il-personalità għall-ġid ta' għajru u b'riżq art twelidu. Alla u l-patrja jridu li jsir hekk.

ELF DARBA OMM

Ta' ĠUŻI ABELA

Tfajla sabiħa, meta int kont ċkejkna,
kont naħseb min sa jkun il-maħbub tiegħek,
min kellu jħares lejn għajnejk daħkana,
min kellu jħobbok, jaqsam ħajtu miegħek.

Tfajla sabiħa, issa — li kbirt, sirt isbaħ —
issa sirt naf min huwa l-maħbub tiegħek.
Inti tbissimtlu u ħallejtu jgħammar
ħdejn qalbek kull mument u dejjem miegħek.

Tfajla sabiħa, Alla ħatrek b'bintu,
u ried li Int ukoll tixbah 'il Tiegħu,
u bagħatlek 'il min tħobb : Salib ġo sidrek,
u int ħabbejtu ferm u ssammart miegħu.

U frott ta' din l-imħabba erwieħ kotrana
jitwieldu ta' kull ħin għal ħajja ġdida.
Għadek żagħżugħa u ġà sirt omm elf darba.
Għalhekk dejjem fis-sodda, għalhekk marida.

Kbira tassew l-imħabba tiegħek, Tfajla,
Poeta ma jasalx biex jippremjaha.
Alla biss jista' : b'bewsa waħda jraqqdek.
U b'bewsa jqajmek tgħix fl-eternità.

L-ORIGINALITA' FIL-POEZIJA

Studju Kritiku ta' VINCENT CARUANA

KULL kittieb, kemm ta' proża kif ukoll ta' poeżija, ikun qed jiżbalja moralment u letterarjament jekk fil-kitba tiegħu jdaħħal ħsibijiet li jkunu ta' kittieba oħra u jippreżentahom bħalikieku kienu ħsibijiet tiegħu.

Madankollu nsibu li fost il-poeti jeżistu ċerti ħsibijiet li tant huma elementari u jaf bihom kulħadd, li jekk poeta jdaħħalhom fil-poeżija tiegħu, għalkemm ma jkunx semma' ħsieb oriġinali, lanqas ikun ikkommetta att ta' plaġjariżmu. Poeta jista' wkoll isemmi ħsibijiet ta' poeta ieħor *with reference to the context.* F'dan il-kas ma jkunx jikkopja, iżda jikkwota.

Kif għidna, fost il-poeti jeżistu ċerti ħsibijiet li huma komuni ħafna, li huma ħsibijiet universali fost il-poeti; li kull poeta jħosshom ġo qalbu minn ċkunitu bla ma qatt ikun qara jew sema' poeżija ta' poeta ieħor. Biex inkun aktar prattiku u speċifiku ser nagħti tlieta minn dawn il-ħsibijiet.

(1) Li l-ħolqien jagħtik prova li Alla jeżisti. (2) Li meta bniedem jakkwista ħaġa, jixba' minnha u jibda jixtieq xi ħaġa oħra. (3) Li ċerti affarijiet huma sbieħ minn barra u koroh minn ġewwa.

Nieħdu l-ewwel ħsieb, dwar li l-eġġubijiet tal-ħolqien juruk biċ-ċar li Alla jeżisti. Kemm hawn poeti li laqtu dan il-ħsieb f'poeżiji tagħhom. Tista' tgħid li xi poeta ikkopja dan il-ħsieb minn fuq poeta ieħor? Le. Ir-raġuni hi li dan huwa ħsieb li tant hu elementari u universali li jħossu kulħadd, anke min mhux poeta. Għalhekk, poeta jista' jittratta ħsieb li ma jkunx oriġinali u fl-istess ħin ma jkun ħadu minn għand l-ebda poeta ieħor, iżda jkun ħassu ġo qalbu indipendentement minn kull poeta ieħor.

L-istess jista' jingħad għaż-żewġ ħsibijiet l-oħra, jiġifieri li meta takkwista ħaġa, tixba' minnha u tibda trid oħra, u dwar affarijiet li huma sbieħ minn barra u koroh minn ġewwa. Min jaf kemm hawn poeti mferrxin mad-dinja li kitbu poeżiji fuq li meta jirnexxilek tikseb ħaġa li tixtieq, tixba' minnha u tibda tixtieq ħaġa ġdida. Għax din hija ħaġa li jħossha kulħadd, poeta u mhux poeta; u jekk żewġ poeti, wieħed fil-Portugall u l-ieħor fil-Brażil, jiġrilhom li huma stess jiksbu ħaġa tant mixtieqa

minnhom, imbagħad wara jibdew jixtiequ ħaġa oħra, hija ħaġa naturali li l-poeta Portugiż u l-ieħor Brażiljan jitħajru jiktbu poeżija b'dan l-istess suġġett. Lil min sa ssejjaħ plaġjarista minnhom, il-poeta Portugiż jew il-Brażiljan? Dak il-Brażiljan li seraq il-ħsieb tal-Portugiż jew forsi l-Portugiż seraq il-ħsieb tal-Brażiljan? It-tweġiba hija ċara. La wieħed u lanqas l-ieħor ma seraq u ma hu ħati ta' plaġjariżmu, għax dak il-ħsieb li huma ittrattaw fil-poeżija tagħhom huwa ħsieb li jiġi f'moħħ bosta nies, anke nies illitterati jew semi-illitterati. Hekk ukoll nistgħu ngħidu dwar il-ħsieb l-ieħor li ħaġa tista' tqarraq bik billi turik kemm hi sabiħa u tajba mbagħad wara ssib li fiha taħżen kruha u ħżunija. Din ukoll hija esperjenza li tiġri kważi lil kull maħluq, tiġri lil bosta poeti, u għalhekk il-poeti kollha jinsabu f'libertà assoluta li jgħannu fuq dan is-suġġett u oħrajn ta' dixxorta, għax fil-fatt l-ebda poeta ma jkun ħa dal-ħsieb mill-ktieb ta' poeta ieħor, iżda kull poeta jkun iltaqa' ma' dal-ħsieb fil-ktieb tal-ħajja persunali kif ġrat lilu stess.

Hemm suġġetti oħra li jiktbu fuqhom bosta poeti. Suġġetti bħal dawn huma: ir-rebbiegħa; l-imħabba ta' l-omm; imħabba bejn sessi differenti; dwar xi xemgħa; dwar xi arloġġ; dwar il-mużika; dwar il-ħolm; dwar xi sħaba; dwar il-qamar; dwar ix-xemx; u affarijiet oħra tal-ħolqien. Min jaf kemm hawn poeti li kitbu, biex nieħdu eżempju wieħed, dwar ir-rebbiegħa. Issa jekk hawn, bi klíem, għaxart elef poeta li kitbu dwar ir-rebbiegħa dan ifisser li l-ewwel poeta li kiteb fuq ir-rebbiegħa kien qed jikteb fuq suġġett oriġinali, u li d-disgħat elef, disa' mija u disgħa u disgħin l-oħra ma kitbu xejn oriġinali għax diġà kien hemm dak il-poeta ta' l-ewwel li kiteb fuq ir-rebbiegħa qabilhom?

It-tweġiba hija li jekk għaxart elef poeta jiktbu fuq ir-rebbiegħa, kull wieħed minnhom jista' jgħid affarijiet ġodda u oriġinali fuq suġġett li diġà tkellem fuqu ħaddieħor. L-ebda poeta ma jista' jgħid: "Jieħa kont l-ewwel wieħed li ktibt fuq ir-rebbiegħa"; iżda poeta jista' jgħid: "Għalekmm bosta poeti qabli kitbu fuq ir-rebbiegħa, jiena għidt affarijiet dwar ir-rebbiegħa li ma qalhomx ħaddieħor, jew affarijiet li qalhom ħaddieħor, jien ħassejthom mod ieħor u fissirthom mod ieħor kif laqtu lili". F'dan il-kas il-poeta jkun qed juri oriġinalità mhux fl-għażla tas-suġġett, imma fl-*angolu* ġdid li huwa jieħu biex jittratta dak is-suġġett.

Meta wieħed jifhem dan kollu, ikun kollu agħżiq fl-ilma,

li naraw poeżija ta' poeta ħabib tagħna u ngħidulu: "It-tali poeta Ingliż jolqot l-istess ħsieb bħal tiegħek fil-poeżija tiegħu jisimha hekk u hekk". It-tweġiba għal min iqanqal diffikultajiet bħal dawn hija, kif diġà għidna qabel, li ċerti ħsibijiet tal-poeti huma universali, huma elementari, huma ħsibijiet internazzjonali, li ebda poeta partikulari m'għandu dritt japplika għal speċi ta' "patent" biex iżomm il-"copyright" ta' dak il-ħsieb li jista' jħossu ġo qalbu poeta fil-Portugal jew fil-Brażil jew fl-Indja jew f'Borneo. Ċerti ħsibijiet li faċli jiġu f'moħħ kulħadd m'huma monopolju ta' l-ebda poeta. Hawnhekk nixtieq nagħmel enfasi importanti li jien m'inix qed infisser ruħi li kull ħsieb li jpoġġi poeta f'poeżija tiegħu jista' jaqbad poeta ieħor u jfisser l-istess ħsieb taħt kliem ieħor. Le, jiena ċertament mhux qed igħaddi dan minn rasi. Nirrepeti bl-ikbar enfasi li jiena qiegħed nirreferixxi biss għal dawk il-ħsibijiet li jew iħosshom kważi kulħadd, għax huma parti mill-esperjenza tal-ħajja, jew faċli ħafna li jiġu f'moħħ ta' iktar minn bniedem wieħed. Hekk ngħidu aħna, żewġ poeti jgħixu 'l bogħod minn xulxin, għandhom mnejn jiktbu poeżija fuq bniedem agħma u t-tnejn jirriflettu fuq li l-agħma jħoss fuq wiċċu u idejh is-sħana tar-raġġi tax-xemx imma ma jarax is-sbuħija li jafu jagħmlu r-raġġi tax-xemx. Li agħma jħoss ir-raġġi tax-xemx imma ma jarax ix-xemx m'huwiex xi ħsieb li biex taħsbu tkun qisek Kolombu meta sab l-Amerka. Hsieb bħal dan huwa faċli ħafna li jiġi f'moħħ ta' iktar minn bniedem wieħed, u m'għandux il-kritiku tal-poeżija jipprova jqabbad difrejh billi minn hemm u minn hawn jipprova jgħid bilfors li t-tali ħsieb tal-poeta li huwa qiegħed jiġġudika huwa meħud jew misruq minn fuq ħsieb ta' poeta ieħor imfisser fi kliem differenti.

Nixtieq nirrepeti — għax nibża' li jista' jkun hawn min jifhimni ħażin — li m'inix qed ngħid li kull ħsieb ta' poeta jista' jidher f'poeżija ta' poeta ieħor fi kliem ieħor. Jiena qiegħed ngħid biss għal dawk il-ħsibijiet li l-esperjenza tal-ħajja tgħallimhom lil kulħadd u li għalhekk jaħsibhom kważi kulħadd jew almenu jiġu f'moħħ bosta nies bħala konsegwenza naturali ta' dak li nsibu ma' wiċċna fil-ħajja.

Imma meta jkun jidher ċar li poeta jkun seraq ħsieb tiegħu minn fuq poeta ieħor, dak ikun ħaqqu jiġi mgħallaq f'sens letterarju!

Wieħed mis-suġġetti li kitbu fuqu, mhux poeta wieħed jew tnejn biss, huwa l-moħqrija lejn l-annimali. Naraw issa kif għadd

ta' poeti ittrattaw dan *l-istess* suġġett imma ħadu angoli differenti u qalu affarijiet differenti. Hekk hu, naraw kif poeta jista' jżomm ruħu oriġinali billi jgħid affarijiet ġodda fuq suġġett qadim li diġà kiteb fuqu ħaddieħor.

James Stephens, fil-poeżija "Little Things", ifisser b'dan l-isem tal-poeżija għall-annimali żgħar, u jgħid hekk:

Little things that run and quail
and die in silence and despair.
Little things that fight and fail
and fall on sea and earth and air.
All trapped and frightened little things,
The mouse, the coney, hear our prayer.

Dan l-istess poeta għandu wkoll il-poeżija magħrufa jisimha "The Snare", li fiha jitħassar it-tbatija ta' l-annimali, u li tibda:

I hear a sudden cry of pain!
There is a rabbit in the snare...

W. H. Davies huwa poeta ieħor li fil-poeżija "Nature's Friend" juri kemm ma jħobbx jara annimali jsofru. Fost il-versi tal-poeżija tiegħu nsibu dawn:

The wren knows well
I rob no nest;
When I look in
She still will rest.

The horse can tell
Straight from my lip
My hand will not
Hold any whip.

William Blake, fil-poeżija "From Auguries of Innocence", igħidilna:

A robin redbreast in a cage
Puts all Heaven in a rage.
.....
A horse misused upon the road
Calls to Heaven for human blood.

Francis Brett Young, fil-poeżija "Bete Humaine", ifissrilna kemm ħass rimors meta darba fettillu qatel "dragon-fly" ('ajruplan'). Jispiċċa l-poeżija hekk :

> Like beasts that prey with bloody claw — Nay they
> Must slay to live, but what excuse have I?

G. K. Chesterton, fil-poeżija "The Donkey", jissimpatizza mal-ħmara li taqla' kemm swat u tkasbir, u fost il-versi tal-poeżija nsibu dawn it-tnejn :

> Starve, scourge, deride me; I am dumb;
> I keep my secret still.

Alfred Noyes, fil-poeżija "The Skylark Caged", jispiċċa hekk :

> Better to break your heart and die
> Than like your jailers, to forget your sky.

William Blake, li diġà semmejnih, għandu, bħal Alfred Noyes, poeżija dwar għasfur f'gaġġa, jisimha "How Sweet I Roamed From Field to Field".

Rajna mela, kif dawn il-poeti li semmejna kitbu lkoll dwar suġġett wieħed : li ma jħobbux jaraw l-annimali jinħaqru. Imma għalkemm tkellmu dwar l-istess suġġett, ħadu angoli differenti jew użaw kliem differenti, u għalhekk żammew oriġinalità individwali, għalkemm kitbu fuq suġġett li fih nnifsu mhux oriġinali. Is-suġġett ewlieni jiġi fieri l-moħqrija ta' l-annimali, mhux oriġinali; imma minn dan is-suġġett li mhux oriġinali l-poeta jista' joħroġ ħsibijiet bħala friegħi li jkunu oriġinali. Nimmaġinaw li l-poeżija hija siġra. L-ewwel għandha z-zokk il-kbir li fil-poeżija jirrappreżenta s-suġġett ewlieni; miz-zokk ewlieni joħorġu bosta friegħi li fil-poeżija huma l-ħsibijiet imferrxa fil-poeżija li ġejjin mill-ħsieb ewlieni.

Għalhekk, aħna ikkwotajna minn sitt poeżiji miktuba minn sitt poeti differenti. Iz-zokk ewlieni ta' kull poeżija huwa l-istess, ħniena lejn l-annimali Iżda l-friegħi tal-ħsibijiet ta' kull poeżija m'humiex l-istess bħal tal-ħames poeżiji l-oħra. Iz-zokk ewlieni tas-sitt poeżiji huwa dejjem l-istess. Il-friegħi tas-sitt poeżiji jvarjaw. Mela dawn is-sitt poeżiji m'humiex oriiġnali fiz-zokk,

imma huma oriġinali fil-friegħi. L-istess kif jista' jkollok sitt siġriet tal-lewż, iżda huma l-istess fil-fatt biss il kollha huma siġar tal-lewż. Filwaqt li fl-għamla tagħhom u fil-mod kif żviluppaw il-friegħi tagħhom issib li siġra waħda m'għandha x'taqsam xejn ma' l-oħra.

Fost is-sitt poeti li semmejna nsibu li dawn mhux biss kitbu lkoll dwar ħniena għall-moħqrija ta' l-annimali, iżda tnejn minnhom saħansitra għażlu sewwa sew is-suġġett ta' għasfur magħluq f'gaġġa ;u naħseb jien mhux dawn iż-żewġ poeti biss kitbu dwar għasfur f'gaġġa.

Issa ejja nieħdu daqsxejn dan is-suġġett ta' għasfur magħluq f'gaġġa. X'sa jibda jgħid il-poeta, ikun min ikun, fuq għasfur magħluq f'gaġġa? Il-poeta jibda jaħseb fuq kemm l-għasfur jixtieq li joħroġ mill-gaġġa biex igawdi l-beraħ ; li l-għasfur maħluq biex jittajjar fl-ajru mhux biex joqgħod f'gaġġa; li mill-gaġġa fejn hu msakkar, l-għasfur jara aġħsafar oħr ajittajru ħelsin u ferħanin; li l-poeta jħoss li għandu jiftaħ il-bieb tal-gaġġa u jeħles lill-għasfur mill-ħabs tiegħu. F'dan il-każ naraw li mhux iz-zokk ewlieni biss tal-poeżija sa jkun jixxiebah, iżda wkoll xi friegħi tal-ħsibijiet sa jkunu bħal dawk li ġie li ħasbu poeti oħra. Imma l-poeta dejjem ikun oriġinali fil-mod kif fisser ruħu. U terġa' l-poeta jista' dejjem jolqot xi nota oriġinali bħal jekk, ngħidu aħna, il-poeta jgħid li malli fetaħ il-bieb tal-gaġġa l-għasfur baqa' ħiereġ dritt 'il barra u għab fil-ġholi mingħajr ma ta l-ebda kas ta' min ħelsu mid-dwejjaq kbar tiegħu, u jista' jkompli jgħid il-poeta li fid-dinja jeżistu ħafna nies li jagħmlu bħall-għasfur u ma jibqgħux jafuhulek tal-ġid li tagħmlilhom. Naraw għalhekk kif għalkemm is-suġġett ta' għasfur f'gaġġa mhux ġdid, il-poeta jista' jagħraf ikun oriġinali fil-għażla tal-kliem, fil-ħsibiijiet li joħorġu bħala friegħi u kultant ukoll billi jagħti lill-poeżija għeluq oriġinali.

Forsi xi ħadd igħid f'qalbu : "Imma mhux aħjar poeta ma jikteb xejn dwar għasfur f'gaġġa la darba kien hawn ħafna oħrajn li kitbu fuq l-istess suġġett, u mhux aħjar li minflok, il-poeta jfittex li jikteb fuq suġġett għal kollox oriġinalissimu?"

Kieku dan huwa veru. Imma jekk lill-poeta tgħidlu : "Tgħannix fuq għasfur f'gaġġa għax ħafna qablek għannew fuq hekk". U jekk lill-poeta tgħidlu : "Tgħannix fuq ir-rebbiegħa għax ħafna qablek għannew fuq hekk". U jekk tgħidlu : "Tgħannix fuq l-imħabba ta' l-omm għax dan is-suġġett qrajnieh minn għand bosta poeti oħra". U jekk tgħidlu : "Tgħannix fuq il-qamar,

tgħannix fuq ix-xemx, tgħannix fuq il-baħar, fuq il-fjuri u l-kwiekeb u s-sħab u x-xita u l-agħsafar, għax dawn kollha huma affarijiet li għannew fuqhom poeti oħra''. U tista' tgħidlu wkoll lill-poeta: ''Tgħannix fuq l-imħabba tiegħek lejn it-tfajla li tħobb għax xbajna' naqraw poeżiji ta 'poeti miktubin għat-tfajla li jħobbu''. Kieku naslu f'dan l-istat, il-poeta jitlef mhux biss il-famuża liċenzja poetika (li qiegħda biex tużaha u mhux biex tabbużaha) iżda l-poeta jasal ukoll fi stat li biex jikteb poeżija jkollu japplika għal-liċenzja li qabel tingħatalu trid tgħaddi minn ħafna ''red tape'' tad-dipartimenti tal-letteratura.

Għalhekk il-poeta jrid bilfors jitħalla jikteb fuq suġġett li ntużaw ħafna drabi, basta jżomm stil għoli, u jkun oriġinali jew fl-angoli li jieħu tas-suġġett jew fl-għażla tal-kliem u tixbiħat, eċċ.

Ma ninsewx, wara kollox, li fid-dinja kważi ma hawn xejn oriġinali. Iżda aħna nistgħu dejjem nagħmlu ħilitna biex noħorġu b'affarijiet oriġinali fuq suġġetti antiki. Kif qal wieħed għaref: ''We see things not as they are, but as we are''; għalhekk għal-kemm l-oġġetti ma jkunux oriġinali, *aħna* nistgħu nkunu oriġinali, għax quddiem għajnejna jidhru iffokati, u skond il-kuluri tan-nuċċali individwali tagħna.

DILEMMA ŻŻOMMNI SIEKET!

Ta' VINCENT CARUANA

F'nofs triq il-ħajja nżilt mis-sema għalija;
Għalaqtli t-triq li tħalli l-qalb mistrieħa;
W għalkemm bil-kemm kont nafek, għall-mistħija,
M'għannaqtekx miegħi, daqskemm dehert sabiħa.

U kemm tfajliet pinġejt fil-poeżija
Bħal statwi ġġarrfu fl-art f'tifrika sħiħa;
Bħal xemgħa f'dawl ix-xemx tfew fis-sbuħija:
Fuq kollha ssaltan inti biss rebbieħa.

Narak jew naħseb fik inħoss tingiża
Ta' xafra tikwi f'sidri w fommi msikket,
Meħjut li juri mħabbti lejk, għażiża.

Qed nibża', jgħaddi ż-żmien, u ma' kull ħarsa
Lejn din il-poeżija nerġa 'mnikket
L-imrar inġarrab tat-tifkria qarsa,

L-GHANJA TAL-WARRANI *
(LILL-GHAR TAL-QATTARA)

Ta' PAWLU CARUANA

Urini qalbek ħalli nsib is-seħer
li ghandek moħbi; kif minn blata samma,
qatra, qatra, jxoqq l-ilma u kull taqtira
redghet is-safa u l-benna mill-blat gheri.
Mis-saqaf niedi tnixxi qatra żghira ,
tikber, titqal, tiżżerżaq, fl-aħħar taqa'
u titwaħħad ma' sħabha f'ħawt imghawwar.
Imb'ghad terġa' oħra, w' oħra, hekk ix-xejra
ta' l-ilma tibqa' sejra bla ma tehda.
Ghaddew is-snin bl-eluf minn meta tnisslet
u serpet qajla, qajla fik dil-ħajja.
Oqbla ta' bhejjem kbar, bhejjem ghariba,
kien ghadhom jghammru ġol-gherien mudlama
u jiġġerrew mal-blat donnhom eghfieret,
isemmghu l-ghajta waħxija u mqita
sakemm il-ġnub tal-wied jirtoghdu u jidwu.
Min jaf kemm rajthom fil-lijeli sajfija,
(u l-qamar kien jaghtihom dehra ġdida)
jimirħu u jirghu, jissaraw bejnethom :
u rajt uħud maqtula, uħud imdemma
resqin muġugħa lejk biex kieku jrejqu
l-aħħar nixfa tal-mewt u jtaffu l-grieħi!
U kemm rajt minnhom fil-ljieli xitwija,
meqruda u mkaxkrin mill-ħamla kiefra!
Tghid ghammar fik ukoll il-bniedem bikri
meta kien ghadu dehni bħal tarbija?
Min jista' jghid 'kk il-ħofra fl-art moħfija
tħaffritx taħt id-daqqiet tal-ġebel żonqri
jew taħt il-qawwa ta' xi ghodda ewliena?...
Jonkella l-ilma li maż-żmien ghawwarha?
Misteru ghalina l-lum l-imghoddi tiegħek
ghaliex iż-żmien nessej difen grajjietek.
Int tibqa' mbikkem quddiem din il-ħerba,
bħal min mirbuħ mill-biża' jew min-niket
iħoss ilsienu tqil u l-kelma iebsa.
Ir-ritmu biss ta' l-ilma ħaj fadallek.
irodd imnikket l-ghanja tal-Warrani.

---

* *Tagħrifa*: F'Wied il-Ghasel hemm ghar imlaqqam "tal-Qattara", ghax mis-saqaf tiegħu dejjem inixxi l-ilma.

SAN PAWL FIL-POEZIJA TA' DUN KARM

Ta' K. VASSALLO

SAN PAWL hu l-akbar teżor li bih Alla għana lil Malta, u Malta m'għandha għax tiftaħar b'xejn aktar milli bil-miġja ta' l-Appostlu tal-Ġnus li seħħet elf u disa' mitt sena ilu.

Kienet xorti tassew kbira għal din il-gżira li bilkemm tidher fil-Mediterran li, flimkien ma' l-akbar u l-aqwa nazzjonijiet li ħakmuha minn żmien għal żmien, waqt li kollha flimkien swew biex bidluha f'benniena ta' ċiviltà, kellha tara wkoll mibgħut fiha b'miraklu tas-sema l-eghref fost l-Appostli ta' Kristu u wieħed mill-akbar Qaddisin. Hi ħaġa kurjuża u fl-istess ħin tal-għaġeb kif Alla l-Imbierek jitfa' wisq drabi għajnejh fuq iċ-ċkejknin, kienu dawn bnedmin jew pajjiżi, u lilhom jagħżel u jgħolli fuq il-kbar u l-kburin. Betlehem, belt ċkejkna u fqira, rat jitwieled fiha l-Messija, l-Iben Waħdieni ta' Sid il-ħolqien, Alla Bin Alla. Atene u Ruma, l-aqwa u l-iprem żewġt ibliet tad-dinja f'dak iż-żmien, ma messithomx ix-xorti li messet lil Betlehem. Nazaret, belt oħra ċkejkna u magħrufa ftit li xejn f'dawk iż-żminijiet, kienet il-ġhamara ta' Marija Verġni, Omm Ġesù, u ta' żewġha Ġużeppi, il-missier putattiv tal-kbir Alla magħmul bniedem. Hekk ukoll Malta, waħda mill-iżgħar gżejjer fid-dinja, għad li kbira u magħrufa fl-istorja sa mill-eqdem żminijiet, ġibdet fuqha sa minn kmieni għajnejn Alla l-Ħanin li, għax iħobbha u jgħożżha, ghoġbu jibgħatilha biex jikkonvertiha lil Pawlu ta' Tarsu, l-akbar fost l-Appostli.

In-Nawfraġju ta' San Pawl kien miraklu, u m'hemmx paġna fl-istorja tagħna isbaħ u eqdes minn din. Il-ġrajjiet sbieħ li ndammu b'riżq Artna l-maħbuba meta ġie fostna l-Konti Ruġġieru, meta Malta u l-Ordni tal-Kavalieri ħarbtu u farrku u xejnu l-qawwa u s-setgħa tan-Nofs Qamar, wara li żmien qabel Malta' kienet infdiet mill-ħakma misħuta ta' Don Gonsalvo Monroy bis-saħħa ta' tletin elf fjorin maħruġin minn bwiet il-Maltin, ghoddhom jintfew u jninu ħdejn din il-ġrajja li baqgħet, kull ma jmur, tissaħħaħ u tisseddaq, tisbieħ u tiġġedded, titwettaq u titqaddes ghax ġejja tabilħaqq mis-Sema. Xhieda tassew sħiħa ta' dan hija l-Fidi li, imkebbsa u mxettla f'dawn il-Gżejjer minn Pawlu dsatax-il mitt sena ilu, baqgħet ħajja u bla mittiefsa sal-

lum, għad li ġarrbet u rat ma' wiċċha l-eqqel irwiefen fit-taqlib u l-ghawġ u l-hemm li minnu ghaddiet din l-Art ħelwa, "l-Omm li tatna isimha". Xhieda oħra sħiħa ta' dik il-ġrajja glorjuża hija l-qima li l-Maltin baqgħu dejjem iżommu taħraq fihom lejn dan il-kbir Appostlu, Patrun Ewlieni ta' Malta u l-gżejjer li jagħmlu magħha. Kull Malti mhux talli jemmen biha din l-ġrajja mbierka, imma talli jħossha fih. Min jista' jiċħad ir-rabta tal-ghaġeb li hemm bejn Malta u Pawlu? U ghaliex u kif, ghal ma' tul dsatax-il mitt sena sħaħ, din ir-rabta ghażiża qatt ma nħallet, waqt li l-paternità ta' Pawlu baqgħet dejjem tinħass u tiġġarrab fil-ħajja ta' kull Malti?

Tabilħaqq ġrajja hekk kbira u tal-ghaġeb, barra milli tibqa' tiġġedded u tisseddaq bil-ghemil ħaj tal-Fidi, ma setgħetx ma tissebbaħx ukoll bil-ghana li nsibu jgelgel u jfawwar f'qalb il-poeti tagħna, u b'mod speċjali f'qalb dak li l-lum il-ġurnata hu magħruf u magħdud bħala l-akbar u l-ogħla wieħed fosthom kollha, il-Poeta Nazzjonali Dun Karm. Kienet ħaġa xierqa u flokha li San Pawl, li tant ħabb lil Malta, isib lil min, f'isimha, jinsiġlu kuruna mill-isbaħ ta' ħajr, ta 'sebħ u ta' fohrija—kuruna li l-ward ifuħ u mlewwen tagħha ma jidbiel u jinxef qatt ghaliex ghandu minn rebbiegħa ta' dejjem. Ħabat sewwa ħafna wkoll li dan il-poeta kellu jkun Ministru t'Alla bħalma kien Pawlu minn Tarsu, u l-akbar u l-ogħla fost kemm poeti ghandha Malta bħalma San Pawl kien l-aqwa u l-akbar fost l-Appostli ta' Kristu.

Le, ma qamx minn jeddu l-baħar,
Ma venvinx minn jeddu r-riħ:
It-taqliba kienet twaħħax;
Imma l-ħsieb ħanin, sabiħ.

Hekk jibda biex ifisser Dun Karm il-miraklu li seħħ bil-miġja ta' San Pawl f'dawn il-gżejjer, ghežież mhux ftit ghal qalb Alla l-Imbierek.

"Ghal Ruma," qal Pawlu lil Festu:
Ghal Ruma tinfirex il-qlugħ;
'Ma r-rwiefen iqumu, w-il-mirkeb
Arawh fuq il-Gżejjer mitfugħ.

Il-ħsieb ta' Pawlu u ta' kemm-il wieħed kien hemm ibaħħar miegħu, magħdud il-Kaptan, kien dak li minn Ċesarea jib-

qgħu sejrin Ruma, fejn Pawlu kellu jappella kontra l-kawża li kienet saritlu. Madankollu, Alla l-Imbierek kellu ħsieb ieħor f'moħħu: dak li l-bastiment jinkalja u jitfarrak fuq dak l-ilsien blat li hemm 'il barra mill-Mistra biex b'hekk Pawlu, imsieħeb minn Luqa l-Evanġelista, ikun jista' jibdel lil Malta pagana f'Malta Nisranija.

Fuq l-aħrax, 'il barra mill-Mistra,
X'ġibidkom bil-kotra dal-ħin?
Il-ħalel f'dagħdigħa li twaħħax
Arawhom bħal żwiemel deħlin

*

Jitkissru mal-blat u jitniehdu
Bħal bhejjem midruba; lą ħjiel
Ta' xemx fuq ix-xefaq imsaħħab;
U x-xita tissawwab bil-qliel.

.....

Qajl qajl, għoddu sebaħ: erb'ankri
Ma' l-amar jirtefgħu mill-qiegħ;
Il-Qoxra tixxengel mal-mewġa
Minfuħa, qalila bis-sħiħ.

* * *

Mitejn u sebgħin u ftit iżjed
Id-difna fil-baħar stennew,
Mitejn u sebgħin u ftit iżjed
Fi ħdanek, o Malta, thennew.

Fuq l-aħrax, 'il barra mill-Mistra,
Tat ilsna ħuġġieġa tan-nar;
Mill-kesħą tal-baħar u x-xita
Fik staħja są l-inqas baħħar.

Kien tabilħaqq jum imbierek għalina u għal missirijietna dak tal-għaxra ta' Frar, sittin sena mit-twelid ferrieħ ta' Kristu. Il-ferħ u l-hena li ġarrbet Malta dak in-nhar għadu u jibqa' jiġġedded mal-mixja twila tas-snin. Il-Maltin, li minn dejjem kienu nies ta' qalb kbira u jħossu u jħennu tabilħaqq għal min ikun fil-għawġ, meta raw lil dawk il-barranin, fosthom Pawlu u sieħbu Luqa, imxarrbin għasra u jtertru bil-kesħa u bil-bard, malajr ġiehom f'rashom x'għandhom jagħmlu ħalli dawk li kienu għad-

hom kemm ħelsu ġildhom mill-ġħarqa ma jmutux fuq ix-xatt meġħlubin mill-ksieħ: u ġħalhekk kebbsu ħuġġieġa ħalli l-oħrajn jisħnu xi ftit, waqt li f'ħin wieħed daru bihom u waqfu magħhom ukoll mill-aħjar li setgħu. Dan itarrfu San Luqa nnifsu fl-Atti ta 'l-Appostli, Kap. 28, versi 1 u 2. Kienu tassew twajba u ġħaqlin missirijietna t'ilu! Imma żgur li qatt ma basru li aktar ħanin, aktar ta' faraġ u aktar ta' fejda minn dak in-nar li kebbsu huma ġħal Pawlu u sħabu, kien in-nar li Pawlu kellu jixgħel u jħeġġeġ fih ġħalihom. Sa dak il-ħin min qatt sata' jintebaħ bir-rigal tassew ġħażiż li kien ġibilhom miegħu dak il-Lhudi u ċittadin Ruman li żmien qabel Sidu u Sidna Ġesù kien rebaħ ġħalih u ġħall-Knisja Tiegħu?

Kbir, iva, kien id-dawl li xegħel f'qalb u f'ruħ Malta b'rihet il-miġja ta' l-Appostlu tal-Ġnus. Issa, flok qabda allat boloh u kiesħa tal-ħaġar imsawrin minn id u moħħ il-bniedem, il-Maltin kienet ġietnom ix-xorti jagħartu u jqimu 'l Alla veru, Alla Wieħed, Alla Ħaj! Isimgħu b'ħema ġħaqal, ħila u ħajr ġħaraf Dun Karm ifisser fi kliemu poetiku dak li aħna ġħadna kemm ġbarna fi kliemna hawnhekk, waqt li f'ħin wieħed juri x'kienu l-kobor u l-glorja ta' Malta pagana qabel il-miġja ta' San Pawl fostna:

Naf kemm nies taqsam l-ilmijiet tal-baħar
Biex tiġi taqra dak il-ktieb qadim,
Xi ħsieb ħemm jiddi fl-ġħar ta' Ħalsaflieni,
Lil min inħarqu l-bħejjem f'Ħaġar Qim.

U naf ukoll kemm Ruma ftaħret bina
Fl-insiġ, fil-bini, f'kull ma taf trodd l-id,
Ruma li rebħet u, bħal min jaf jaħkem,
Lill-mirbuħin ġħaniet bil-ġħerf u l-ġid.

Iżda l-allat li Malta kienet ħatret
Kienu tal-ħaġar, u ma kellhomx qalb;
Fil-jum tal-ħena qatt il-ħajr ma fehmu,
Fil-jum tal-biki qatt ma semgħu talb.

Int biss ġibtilna dak id-dawl tas-sewwa
Li rebħek ta' Damasku fuq it-triq,
U ġagħlek tħoss ġo qalbek u ġo ħsiebek
Kemm taf il-Qawwa t'Alla tniggeż sfiq.

Gibtilna dak id-dawl li mbagħ'd inxtered
Minn belt ghal belt, u sebbaħ kullimkien,
Li nebbet ward fejn il-ghollieq kien ghatta,
Li tafa' l-barka fil-gheruq taż-żmien.

Imbierka, Pawlu, il-mewġa li wasslitek
Fuq ix-xtut tagħna; imbierek dak il-jum
Li l-qalb ħanina ta' missirijietna
Laqgħetek ħelu hemm fuq dak ir-rdum.

Imbierka l-Emmna li ghallimtna, Pawlu,
Sħiħa, qawwija bħala lsien tan-nar;
Emmna li saret aħna, Emmna Maltija,
Kif ridtha Int, Appostlu ta' l-azzar.

Xi ġmiel, x'qawwa, x'dehen u gherf u saħħa hemm maħżuna f'dawn il-versi tal-Prinċep tal-Lirika Maltija! Appostlu tabilhaqq ta' l-azzar, sħiħ u qawwi daqs l-imrammi ta' l-iswar li jħażżmu 'l Artna, kien il-kbir Pawlu ta' Tarsu- Daqshekk ieħor ukoll huma sħaħ, mimlija u qawwija l-versi tal-Poeta Nazzjonali tagħna. Kemm ihobbu dan is-saċerdot u poeta Malti lil Missierna Pawlu! U kif tixgħel u tħeġġeġ l-immaġinazzjoni tiegħu fejn jidħol Dak li ghamilna Nsara! Jien lil Dun Karm qrajtu mijiet ta' drabi, u dejjem bqajt insibu frisk u ġdid. Hemm fil-poeżija bnina tiegħu dak is-seħer li hu biss id-don ta' l-erwieħ kbar. Jogħġobni u jgħaġġibni Dun Karm bil-versi tiegħu, bħalma jogħġobni u jgħaġġibni San Pawl ghall-ħidma lieżma fl-apostolat, ghad-dinamiżmu u l-ħeġġa tiegħu, ghall-kobor u l-gherf u l-qodos li ħażen fl-Ittri tiegħu. Le, ma kienx ta' b'xejn li l-Kbir Alla bagħat lil Pawlu b'tempesta f'dawn il-Gżejjer, fejn il-Poeżija Reliġjuża mhix inqas sħiħa u qawwija milli hi l-Fidi li ħallielna hu. Pawlu ħa grazzja speċjali ma' din l-Art imbierka, fejn hu qatta' tliet xhur jagħmel il-ġid lil niesna billi jgħallimhom l-eghżież ħwejjeġ u dak li hu tassew ta' fejda ghar-ruħ.

Il-bidla li ġieb Pawlu f'Artna kienet bħal dik ta' mil-lejl ghan-nhar, mid-dlam ghad-dawl, mill-mewt ghall-ħajja. Il-Poeta, fit-XIII-il Warda li qata' f'ġieh San Pawl Missierna, iqabbel il-Fidi tagħna ma' siġra li fil-ghera tal-ħarifa taħsibha mejta, iżda hekk kif terga' fuqha r-rebbiegħa, araha tistenbaħ u tqum, hi u timtela bir-rimi u bl-inwar jonkella biż-żahar. Igħidlu Dun Karm lil San Pawl:

San Pawl, il-Fidi mqaddsa
Li żrajt fuq art twelidna ,
Li kibret fl-isbaħ siġra
Fil-ġnien ta' Kristu Sidna,

Tidher xi drabi mejta
Fil-kesħa ta' mħabbiet
Fiergħa, taġ' ħolm qarrieqi,
Ta' ħabla ta' fehmiet;

Iżda kif tarġa' riesqa
Ix-xemx taġ-Ġħid minn tiegħek,
Tarġa' ma' Malta tixgħel
L-imħabba li ġibt miegħek,

U s-Siġra tħaddar, tħaddar
B'rimi sabiħ mill-ġdid,
U tiżhar b'ward is-sema,
Wegħda ta' saħħa u ġid.

* * *

Monsinjur Dun Karm Psaila mhux magħruf bħala predikatur. B'danakollu, il-poeżiji reliġjużi tiegħu jagħmlu minnu wieħed mill-akbar oraturi u predikaturi siekta ta' dawn il-Gżejjer. Qatt ma ninsa x'qalli darba fuqu, ftit wara li ħriġna mis-Sala ta' l-Arazzi fejn kellna nerġgħu nidħlu biex inkomplu l-Laqgħa tal-Parlament, l-ex-Logutenent Gvernatur ta' Malta, Sir David Campbell: "Kemm hu ħelu fi kliemu Monsinjur Psaila! Emminni, nogħxa u nitgħaxxaq nisimgħu jitħaddet meta niltaqgħu flimkien f'xi Kumitat. Kliemu u leħnu jħolluk". Min-naħa tiegħu, imbagħad, il-Professur Aquilina għal wieħed mis-sunetti ta' Dun Karm, u sewwa sew għal dak imgħammed "Mater Purissima", kiteb hekk: "Il-Madonna ma semgħet l-ebda priedka mill-pulpti tal-knejjes tagħna oħla minnu". Mela Dun Karm jaf jippriedka tajjeb ferm huwa wkoll. Biss, il-priedki sublimi tiegħu, flok ma tismagħhom, taqrahom. U jekk priedka li tkun smajtha darba għandek imnejn tinsieha, biex ma ngħidux tinsieha żgur, meta tkun miktuba f'poeżija bħal dik ta' Dun Karm, issibha miegħek malli tiftaħ ktieb. U issa, għiduli, m'humiex jewwilla, għad li fil-qosor, paneġierki mill-isbaħ dawk il-poeżiji li Dun Karm niseġ u damm dwar Missierna Pawlu? Biżżejjed waqtiet ġabra xotta ta' strofi li jilħqu fil-għadd is-swaba' t'idek

il-waħda biex minnhom dan il-Poeta jobroġlok l-isbaħ kwadru sagru u waħda mill-oħla priedki li qatt smajt. F'din li ġejja, ngħidu aħna, insibu minqux b'ittri jlellxu u jiddu bħad-dawl tassema f'lejla qaddisa tal-Milied iż-żwieġ mistiku ta' Malta ma' Pawlu. Imma l-Qaddis, flok "Maħbuba tiegħi!" jew "Ħanina tiegħi!", isejjaħ lil Malta "Binti"; u hi, l-għaxqa ta' qalbu u ruħu, flok ma tgħidlu "Qalbi!" jew "Ħanini!", issejjaħ lil Pawlu "Missier". Isimgħu ftit xi ħlewwa u ġmiel:

Malta u Pawlu! Min jifridhom?
Hadd: jixhduh iż-żminijiet.
L-ebda qawwa ma taf tħollu
Dak li rtabat fis-smewwiet.

F'xatt il-baħar, taħt ir-rwiefen,
Huma ltaqgħu ma' xulxin:
Ħarsu, ftehmu, qalbhom xegħlet,
It-tnejn baqgħu mirbuħin.

Bidlu kelma Pawlu u Malta,
Kelma taħraq bħan-nirien:
"Binti", qal il-kbir Appostlu;
"Missier", wieġbet Malta, "ħawn jien."

U fil-mixja dewwemija
Ta' mijiet u eluf ta' snin
Malta u Pawlu, ferħ jew niket,
Baqgħu dejjem ma' xulxin.

Sabiħa ħafna wkoll, u hemm fiha s-saħħa ta' Domma tal-Fidi, il-wegħda li jagħmel Pawlu lil Malta:

Binti qalbi, jien naħilfu,
Għadu lilek qatt ma jmiss:
Jekk trid int, qatt ma ninfirdu;
Tħoll u torbot inti biss.

Kemm jaf ifisser Dun Karm, bi kliem ħafif u mexxej daqskemm sabiħ u rżin, dak li fit-Teoloġija hu magħdud bħala għadma tassew iebsa, irrid ngħid jien għat-trattat "De libero arbitrio". **"Jekk trid int"**, igħid lil Artna u lilna San Pawl fi kliem il-Poeta Nazzjonali, **"qatt ma ninfirdu"**. Għandna ħawn il-vo-

lontà jew aħjar **rieda**. Fi kliem ieħor, minna biss jiġi jekk il-Fidi li ħallielna San Pawl tonqosniex jew le. Aħna biss norbtu u nħollu. Rajna hu kollu f'idejna jekk nibqgħux nemmnu jew le. Alla, li ta 'l kulħadd il-**libertà**, ma jġagħal lil ħadd jagħmel dak li ma jkunx irid jew ma jagħmilx dak li jkun irid jagħmel. U hawn tiġi minnufih u tlehh bħal berqa f'moħħna d-definizzjoni stupenda li jagħtina Dante dwar dan — don li bih Alla għoġbu jagħni lill-bnedem, u l-eghżeż wirt u l-aqwa privileġġ li qatt sata' jingħata mill-Ħallieq lill-maħluq:

Lo maggior don che Dio per Sua larghezza
Fesse creando, ed alla Sua bontate
Più conformato, e quel ch'Ei più apprezza,

Fu della volontà la libertate,
Di che le creature intelligenti
E tutte e sole furo e son dotate.

(PARADISO V, 19-24).

* * *

Meta taqra n-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta kif jaf iroddu fi vrusu b'sengħa tassew ta' mgħallem il-Poeta Nazzjonali Dun Karm, tkun qisek qed taqra l-interpretazzjoni tal-Ġenesi kif jaf iroddha fil-kobor ta' għerfu Santu Wistin fl-aħħar tliet kotba ta' l-**Istqarrijiet** tiegħu. Qrajtuhom xi darba l-"Confessiones" ta' dan il-Qaddis, li hu l-akbar fost id-Dutturi tal-Knisja? Jekk le, ippruvaw, u taraw kif tibqgħu mgħaġġbin u miblugħin bl-għerf u l-kobor li ssibu fihom. Il-poeżijiet ta' Dun Karm dwar Missierna Pawlu qishom l-istess ħaġa. Mingħajr dubju, ma hemmx fihom dak il-baħar bla qies ta' għerf li hemm fil-"Confessiones". Imma hemm fihom dak li fil-"Confessiones" ma ssibux: xmajjar ta' ħlewwa u ħajr, ġenna ta' poeżija. Minn qalb Santu Wistin ħarġu jaħarqu bl-imħabba t'Alla l-**Istqarrijiet.** Minn qalb Dun Karm, imsakkra u msaħħra mit-Twemmin ta' l-Appostlu tal-Ġnus, ħarġu jgħaxxqu bil-ġmiel u l-fwieħa **Ħmistax-il Warda** li qatt s'issa ma fetħu bħalhom **Fuq ix-Xtajta Fejn Rifes San Pawl.** Monsinjur Professur Saydon hekk kiteb dwarhom f'"Il-Malti" sitta u għoxrin sena ilu: "Int u taqrahom tħoss xi ħaġa, ma tafx x'inhi, li tqanqlek, li tirbħek, li tirgnek. Hi l-imħabba lejn Pawlu u lejn Malta? Hi ġmiel u qawwa ta' poeżija? Hi l-qalb tal-Poeta li tħabbat u ġġiegħel il-qlub iħabbtu magħha u jħabbtu bħalha..... F'kull waħda jurina l-Poeta (u hawn il-kelma **Poeta** hi ta' kull darba maħżuża bl-ewwel it-

tra tagħha kbira) ħsibijiet u dehriet ġodda minn dawk li jgħaddu, bla ma jista' dejjem jaqbadhom u jżommhom, minn moħħu u minn qalbu. F'waħda jfaħħar il-kobor u l-ġieh li rebħet Malta minn Pawlu, f'oħra jurina 'l Pawlu u 'l Malta mgħannqin jitkellmu kliem ta' mħabba, issa jġibilna quddiem għajnejna l-baħar imqalleb, ir-riħ ivenven, u l-ġifen ta' Pawlu mkisser malblat, u issa jsemmi t-twemmin li tana Pawlu u li baqa' dejjem fina bħal siġra li xenxlet għeruqha 'l isfel, 'l isfel. U mhux biss, imma mqar meta jrid ifisser l-istess ħsieb, jaf dejjem jagħtih issa għamla u issa oħra."

U tabilħaqq hekk hu. Anzi hi sewwa sew din il-ħaġa li, forsi aktar mill-bqija, tolqotna u tgħaġġibna mhux ftit fil-Poeta tan-**Non Omnis Moriar**: il-ħila kbira li għandu li jikteb daqshekk versi, dejjem b'mod u b'xeħta ġdida, fuq l-istess suġġett u fuq l-istess argument. Irid ikollok moħħ għalliel xi ħaġa, barra ħila speċjali, biex tagħmel dan! U Dun Karm, wara kollox, wieħed biss hawn! Min jikteb bħalu? Isimgħuh itenni u jtellet b'mewġa tgħaxxaq ta' kliem ġdid l-argument li fuqu jdur il-pern talmiġja ta' Pawlu fostna:

Imbierka t-taqliba li fuqna xeħtitek,
Ja dgħajsa mgħobbija b'qawwiet il-Feddej!
Il-mewġa qalila ħabbtitek, kissritek.....
'Ma l-Bniedem tal-ktajjen kien jaf x'inhu ġej.

Hawnhekk kellek tasal—hekk kiteb is-Sema:—
Li tiġbed għal Ruma riduh il-bnedmin;
Fir-rwiefen li venvnu, fil-baħar li tqalla',
Min żamm it-tmun tiegħek kien Alla l-ħanin.

U wara li jgħid dan, arah il-Poeta, waqt li jifraħ lil Artu u jifraħ magħha hu wkoll, jesklama:

O Malta, xi ħlewwa ta' dija libbsitek
Il-għodwa li Pawlu medd fuqek riġlejh!
X'nar kibes ġo sidrek, li saħħnek, li xegħlek,
Fir-rogħda li tatek il-għafsa ta' jdejh!

Minn Alla tassew kien dak li ġara fuq xtutna fil-għodwa talgħaxra ta' Frar, elf u disa' mitt sena ilu. It-triqat t'Alla min jifhimhom? U x'hawn iwassal fil-bogħod kif iwasslu huma? Min ħallmu biex imur jappella Ruma lil Pawlu, meta, kif qalu bej-

niethom stess is-Sultan Agrippa u l-Gvernatur Festus, hu seta' jkun meħlus li kieku ma appellax biex tinqatagħlu l-kawża Ruma? U mbagħad għax kellha tqum dik it-tempesta hekk ħarxa li ma qagħditx qabel ma tkisser fuq xtut Malta l-ġifen li fuqu kien hemm Pawlu? Tarġa', fil-qilla u fil-biża' ta' dik it-tempesta min, ħlief il-Mulej Alla, flok il-għarqa u t-telfa tal-baħħara u l-ġifen b'kollox, kien qed jara l-ħelsien tagħhom, u miegħu l-fidwa ta' Malta?

Le, ma qamx minn jeddu l-baħar,
Ma venvinx minn jeddu r-riħ:
It-taqliba kienet twaħħax;
Imma l-ħsieb ħanin, sabiħ.

ROKNA EPIGRAMMATIKA

EPIGRAMMI

Ta' Ġ. AQUILINA

QABEL NIBDEW

Dawn l-epigrammi qishom bħal berritta,
Li, kif igħidu l-Ingliżi, ixxiddha biss
Jekk tkun tiġik; jekk le, għandek biex tifraħ;
Jekk iva, żul u bewweġ kiss-inkiss.

Dawt-taqbiliet sejħilhom *epigrammi*,
Jolqtu fl-astratt bħal *characters* tad-drammi,
U m'għandhom l-ebda xebh ma' nies ħajjin,
Għax dawn, ibqa' fuq kliemi, ilkoll tajbin.

KONTRA D-DINJA

Dawwar wiċċu min-nies bħal kelb imsawwat,
U għajjat b'leħen aħrax: Qisni mejjet —
Ma rrid naf b'ħadd, għaliex kulħadd għallatni. —
U f'qalbu Ġens il-Bniedem stmerr u bejjet.

AMOR DEI

Ħadem fil-qasam t'Alla sfiq u sħiħ.
Il-ħsad bin-nofs: nofs 'l Alla, nofs għalih.

JOBGHOD?...

Sa l-għaraq tax-xogħol tiegħi tah fastidju;
Le, fqir m'għadnix; ma lanqas ma staġħnejt.
Jaf għaliex ħdimt, dan l-għażeb qalbu kiesħa?...
Għax jien 'l uliedi u 'l marti *biss* ħabbejt!

LIL...

Habib, li sfajt imgħajjar mingħajr ħtija,
Mnassas minn min żammejt b-eġħżież ħabib.
Tbissem l-istess. F'did-dinja, x'nistgħu nagħmlu?
Min għandu bżonn qassis, min bżonn tabib.

MA NAHMELX...

Fih ma naħmilx mhux l-ġherf li huwa ġabar
Fis-sigħat twal ta' studju fl-ġħorfa tiegħu,
Imma l-eġhruq ta' ġhira u ta' stmerrija
Li bħal sriep ħorox ġħoġbu jrabbi miegħu:
Huwa għalija TNEJN, mhux bniedem wieħed,
MOHH qawwi mqajjem, l-IEHOR mhewden, rieqed.

EPIGRAMMI

Rasu saħnet tassew; ħoloq l-ġhedewwa
Li stħajjel hu bħal min jikteb id-drammi;
Għajjarhom b'dak li ġhandhom u m'ġhandhomx:
Farrakhom—magħhom farrak l-epigrammi.

TMIEM

Xtaqt ħadtlu b'idu u rġajna' ġhalli kien,
'Ma jigdem wisq, bħad-dib hu ġhandu s-snien;
Mhux minnu jiġi li ma ssirx il-ħsara,
Ġħax ġħaldaqshekk hu juri l-akbar ħrara.
Ġiehu ma' ħbieb u ġhedewwa jien kabbart,
Meta nassassni wkoll, tefgħani fl-art.
Meta warrbuh, jien dort in-naħa tiegħu,
Haddieħor ma ridux, jien żammejt miegħu.
Minn fuq pinġieni wieħed mill-ġhedewwa,
Tassew li donnu nesa x'inhu s-sewwa.

.....

Trid tkun ġilda ta' ħmar biex tħallih jgħid,
L-aħjar twarrablu, igħaddi minnek bgħid.
Ġħajb kbir tassew li t-tmiem kellu jkun dan.
Ġo qalbu daħal Brejbes, ix-Xitan.

NOTA EDITORJALI — Imħabba materjal ieħor li ġhad fadlilna ġhalli-istampa u n-nuqqas ta' wisa' r-ROKNA EPIGRAMMATIKA ma tkomplix tidher ġhalissa.

KRONAKA TAL-"GHAQDA"

HU ta' sodisfazzjon ghalina naraw membri shabna jhabirku bil-hegga kollha biex ixandru u jkattru l-ideal li ghalih kienet twaqqfet il-"Ghaqda" taghna. Din il-hrara hi xhieda ta' l-ispirazzjoni li l-"Ghaqda" tqanqal fi qlub uliedha u hi xhieda wkoll tal-htiega taghha fil-hajja kulturali, letterarja u socjali tal-Maltin kull fejn ikunu jinsabu.

Bis-sahha tal-membri taghha l-"Ghaqda" wasslet lehenha fl-Egittu, fi Franza, fl-Ingilterra, fil-Kanada, fl-Amerka u fl-Indja. Issa, bit-thabrik tal-Membru Akkademiku, is-Sur MANWEL CASSAR, poeta maghruf u kittieb tajjeb, twaqqfet il-"Ghaqda tal-Letteratura tal-Maltin fl-Awstralja", li ahna ngholdhuha bhala bint il-"Ghaqda" taghna f'dak il-kontinent u nixtiqulha kull rizq.

Hawn sa ngibu tahdita li saret ghall-ftuh ufficjali tal-"Ghaqda" tal-Awstralja. — EDITUR.

TAHDITA TAL-FTUH UFFICJALI TAL-GHAQDA TAL-LETTERATURA TAL-MALTIN FL-AWSTRALJA
(Literary Society of the Maltese in Australia)

Minn MANWEL CASSAR, *Fundatur*

"Nistha;jel li ftit huma dawk il-Maltin, u cert li hadd fostkom li gejtu ghal din il-laggha letterarja, li ma jafux l-Innu Malti. Fl-ahhar vers ta' l-Innu, Dun Karm talab 'l Alla halli "jseddaq l-ghaqda fil-Maltin". Twegiba tajba ghal dik it-talba hija l-prezenza taghna f'din is-sala tal-Kappillan. F'din il-belt kbira, din il-belt-gnien ta' Melbourne, nofs dinja 'l bogħod minn "dik l-art helwa, l-omm li tatna isimha", ingbarna bhala Maltin maghquda flimkien din id-darba fi hdan il-"Ghaqda tal-Letteratura tal-Maltin fl-Awstralja", li twaqqfet sewwa sew biex bhal xehda tal-ghasel li madwarha jingabar in-nahal, il-Maltin ta' Victoria u, nittamaw, 'il quddiem, l-ohrajn ta' l-Istati kollha ta' dan il-Kontinent, jiltaqghu annuna biex ikunu ta' gieh lil Malta u biex jaghmlu gieh ieħor lilhom infushom meta jersqu lejn it-tieba tal-kultura. Nies li jinteressaw irwieħhom fil-kultura huma nies li qalbhom twieġeb ghas-sejha tal-gid u tas-sbuhija.

L-ghan ewlieni ta' din l-ghaqda huwa sewwa sew kulturali. Ghalhekk fil-laqghat taghna m'ahniex ser naraw nies li l-iskop il-kbir ta' hajjithom huwa dak li jaqilghu l-flus u li fil-ghatx ta' qligh il-flus ma jsibux hin biex jaqbadhom il-ghatx tal-kitba, tal-qari u tas-smigh tal-kelma tajba miktuba. Din hija l-hasra fil-bicca l-kbira tal-Maltin li emigraw ghall-Awstrlja. Billi l-lum dan hu wiehed mill-ftit pajjizi tad-dinja li fih ix-xoghol huwa mhallas mill-ahjar, huma jinqdew b'hinhom kollu biex ma jigrix li xi nofs ta' nhar ta' hajjithom ma jhallix qligh finanzjarju. Tassew li fost l-allat il-foloz il-Lira hija fost l-isbah u aktarx li hi ghandha l-akbar ghadd ta' min iqimha. Bla ma nichad il-htiega flokha tal-flus ghall-ghixien kif ukoll ghall-kumditá u xi ftit lussu fid-dar u fis-socjetà, kif mhux inqas it-tfaddil xieraq ghas-siegha l-hażina li l-hajja ghallmitna li ma tonqos lil hadd ghax, kif ighid il-qawl Malti: "Arfa' u sorr ghal meta tigi bżonn", madankollu l-bniedem mhux bil-hobż biss ighix. Il-bniedem huwa maghgun mnin ġisem u ruh. Il-flus, sakemm ir-regħba ma tgezzizhomx sa l-inqas habba, isostnu lill-ġisem. Iżda is-sustanza tar-ruh hija r-religjon, hija l-arti, hija l-ġibda lejn is-sabih fil-qalb u l-mohh kif ukoll is-sabih u t-tajjeb fil-holqien.

Bil-maqlub ta' dak li qed taghmel il-lum stess, u kif, jekk hi r-rieda t'Alla, tibqa' taghmel minn xahar ghal xahar u minn sena ghal sena, l-"Ghaqda tal-Letteratura tal-Maltin fl-Awstralja", u bosta ghaqdiet ohra tal-Maltin ta' l-Awstralja, ghalkemm xi whud minnhom ghandhom mezzi ghalissa aqwa minn taghna, m'humiex qeghdin ifittxu li fil-programmi taghhim iressqu lil niesna xi sehem, imqar ckejken, minn din is-sustanza tar-ruh. Konna nistennew li xi ghaqdiet teatrali li ghandhom f'idejhom il-mezz qawwi tal-palk, jinqatghu minn dawk id-drammi, kummiedji u farsi ta' żmien żemżem li mhux biss miktubin b'Malti ghal kollox hażin u bla ebda sengha, imma mill-istorja nfisha, mid-djalogar u l-ġesti ta' fuq il-palk ixaqilbu lejn l-istinti baxxi tal-bniedem. Id-diretturi ta' dawn l-ghaqdiet ghadhom jidhrilhom li dak kollu li l-ġemgha inedukata ccapcap ghalih huwa necessarjament sabih u ta' ġid. L-istorja tad-dinja hija mimlija b'eżempji ta' ġemgħat li capcpu lil mexxejja xewwiexa qarrieqa. Dawk kienu ta' ġid ukoll? Ghaqdiet ohra tal-football kemm-il darba jkollhom loghbiet fejn jibdew patrijottikament bid-daqq ta' l-Innu Malti u jkomplu jew jintemmu mifrudin bit-tfigh ta' hwejjeg li jkorru u bid-daqqiet tal-ponn u s-sieq. Meta nigu ghall-individwu Malti, imbaghad, isem Malta bogħod minn xtutha xi kemm-il

darba ntfagħlu t-tajn b'ġħemejjel li jidhru iktar koroh meta ġejjin minn membri ta' poplu li kullimkien tisimgħu jiftaħar malbarranin bil-George Cross, bl-Assedji l-Kbar u ċ-ċiviltà nieżla mill-qedem, wisq, wisq eqdem minn dik ta' dan in-nazzjon li twieled inqas minn mitejn sena ilu. Il-manjieri xejn soċjevoli fil-pubbliku, l-ilbies żmattat, it-taħdit dagħaj, l-użu ħafif tal-mus fit-tilwim, huma ftit min-nuqqasijiet serji li jtebbgħu isem Malta. Waqtiet jagħtik li tistħi tistqarr li inti Malti meta mistoqsi dak in-nhar stess li l-ġurnali jkunu xandru ritratti u artikli ta' vendikazzjonijiet u ġħemejjel oħra ta' ħutna l-Maltin. Dawn rajtuhom u tarawhom intom ta' sikwit, u tafu li qed nitħaddet issewwa.

B'xorti tajba, min-naħa l-oħra, hemm Maltin kemm fost dawk li ilhom igħixu l-ġħaxrieġ u l-ġħexieren ta' snin fl-Awstralja u kemm fost dawk li m'ilhomx daqshekk, li tabilħaqq qegħdin igħollu isem Malta bogħod minn xtutha. Hemm nies tas-snajja', skrivani, ġħalliema, qassisin, studenti, nies tal-liġi, ġurnalisti, artisti u oħrajn f'kull qasam tal-ħajja mżewqa. Ma' dawn u minn fost dawn il-Maltin fl-Awstralja, l-"Ġħaqda tal-Letteratura" ġħażlet u trid issejjaħ iktar l-imseħbin tagħha. ġħaqda bħal din. Minn kmieni ntbaħt li ħawnhekk il-kobor li kelli pjaċir inkun msieħeb bl-attwalità u ħawn ġħadni (jew sirt fit-tliet snin u nofs li ili li ġejt) bil-korrispondenza, ta' bosta ġħaqdiet kulturali u letterarji bħalma huma l-"Ġħaqda Letterarja Maltija", is-"Soċjetà ta' l-Awturi Maltin" u l-"Ġħaqda tal-Kittieba tal-Malti", rajt u ħassejt mill-bidu l-ħtieġa ta' ġħaqda bħal din. Minn kmieni ntbaħt li ħawnhekk il-kobor li ma konniex ħlief nisimgħu biss bih f'pajjiżna imma li tiegħu, dawk fostna li ma sifirniex qabel, ma kellna ebda ħjiel, u l-ħajja mgħaġġla ta' kuljum kif wieħed dejjem isib fil-bliet il-kbar taddinja, minnhom infushom jifirduna wieħed mill-ieħor. Biex infittxu lil xulxin u ningħaqdu, jeħtieġ ikollna fejn, u jeħtieġ ikollna ġħaliex.

"Fejn" ġħall-ewwel ħsibt li sa jkun tqil biex insib, ġħax kull fejn ħabbatt il-bieb sibt li ridt tħallas, u l-"Ġħaqda" mhix imwaqqfa ġħall-qligħ tal-flus. Madankollu, ġħalkemm ir-raġuni li ġħaliha ma kontx tlabtu qabel kienet li ma ridtx inħabbtu iktar milli diġà ħu, il-Kappillan ħabrieki tagħna, ir-Rev. Dun H.B. Galea, S.S.P., malli kellimtu approva l-idea u ġentilment laqa', u kien jixraq ħafna, li jkun id-Direttur Spiritwali tagħna; mhux biss, imma wkoll ġħoġbu joffrilna din is-sla sabiħa u nadifa

xammiema (kif nitlobkom tħalluha) biex niltaqgħu fiha. U jekk inżidu nkattru l-għadd tagħna hekk li s-sala ma' tkunx kbira biżżejjed, diġà ssuġġerilna sala oħra kbira band'oħra li tesagħna lkoll. nkuraġġiment tassew bil-fatti li għalih f'isimkom u f'ismi nroddlu pubblikament il-ħajr.

"Għaliex" għandna niltaqgħu diġà għamilt ħilti biex infisrilkom. Iżda tajjeb infehemkom li fil-prattika l-ħidma tal-Għaqda, barra dak kollu li twettaq minn żmien għal żmien, sa tkun tħaddan "lectures", dibattimenti ta' studji, żjarat struttivi ta' postijiet storiċi u artistiċi, daqsxejn ta' folju bejnietna, għajnuna lill-imsehħbin biex ixandru kitbiethom f'gazzetti u rivisti lokali u ta' pajjiżi oħra, rappreżentanza fil-"Maltese Community Council" u korpi oħra, konkorsi, tfakkir ta' dati importanti fl-istorja ta' Malta bħall-Jum Nazzjonali, forsi xi xandir bir-radju, u laqgħat letterarji bħal tal-lum darba kull tieni Ħadd tax-xahar, li fihom jieħdu sehem kittieba li n-nazzjonalità tagħhom hi ta' bidu Malti imma li jiktbu b'liema lsien jogħġobhom, kif ukoll Maltin li m'humiex kittieba imma li jħobbu l-kitba tajba, sew bħala qarrejja, sew bħala semmiegħa. Mela din l-Għaqda hija differenti minn kull oħra, ukoll minn dawk stess li hemm f'Malta, għaliex hemm għaqdiet ta' l-Ilsien Malti, hemm ukoll għaqda ta' awturi Maltin ta' kull lingwa, imma ma hemmx għaqda li ddaħħal bħala membri, daqs il-kittieba, lill-ammiraturi tal-kitba. Fl-Awstralja jinsabu minn għaxra sa tnax-il għaqda ewlenin tal-letteratura, xi wħud jispeċjalizzaw fi friegħi magħżula tal-letteratura bħalma hi "The Australian Poetry Lovers' Society", li nagħmel sehem minnha jien ukoll. Hemm oħrajn, bħal "Writers and Literature Lovers' Club" li, kif igħid isimha, iddaħħal l-ammiraturi tal-kitba bħala membri, imma sa fejn naf jien, qiegħda għall-Ilsien Ingliż biss. Ukoll li kien hemm waħda tixbahha f'kollox (jekk hemm għarrfuni) din żgur li mhix fost il-Maltin ta' l-Awstralja. Dan m'inix ngħidu bi tkabbir imma għaliex nemmen fl-oriġinalità.

Issa tajjeb inwissi bil-quddiem li s-saħħa tal-Għaqda tagħna ma rriduhiex tieqaf fuq il-ftaħir ta' kemm nafu nitħaddtu lingwi. Li nkunu nafu ħafna lingwi huwa tajjeb, imma huwa ħafna inqas minn biżżejjed. Aħna rridu li dawk l-ilsna jaqduna biex niktbu kemm jista' jkun bir-reqqa bihom biex it-tqanqil tajjeb li nħossu fl-ispirtu tagħna nikkomunikawh ma' sħabna u biex nuru lill-barranin li ninsabu f'nofshom li ma jafux jaqraw bl-Ilsien il-veru ta' Malta, l-Ilsien Malti, li bħalhom u daqshom il-Maltin

jafu jħossu u jafu jaħsbu u jafu jiktbu. Irridu nixxierku bil-kitba ta' l-Ilsna tagħna kollha li kollha f'daqqa jiffurmaw prodott letterarju mżewwaq u ma nistħux nuruh lil ħbiebna l-barranin. Il-kitba tal-Maltin b'kemm l-ilsien tgħaqqad il-Letteratura Maltija. Niżbaljaw jekk naħsbu li l-Letteratura Maltija hi magħmula biss mill-kitba bil-Malti. Ma rridx ingħid b'daqshekk li mela nistgħu nħossuna fis-sliem mal-kuxjenza jekk niktbu bl-ilsna differenti u nġennbu l-Malti. Noqogħdu b'għajnejna miftuħa li ma nistħoqqux iċ-ċanfira tal-Poeta Nazzjonali Malti:

"Ghaliex tarmih l-Ilsien li tatek ommok
U titlef ghaqlek wara ilsien barrani?"

Anzi nħeġġeġ lil dawk il-kittieba fostna ta' Ilsna barranin biex jiktbu artikli u studji dwar il-kitba bil-Malti f'gazzetti, rivisti u kotba ta' hawnhekk. Inħeġġiġhom ukoll biex jindaħlu għal traduzzjonijiet serji ta' kapolavuri bil-Malti. Hawnhekk il-qasam hu kbir. Mela ħalli l-ħaddiema, imqar meta huma ftit, ikunu ħabrieka għall-aħħar. Min jista' jaħdem, jaħdem. Irrid intenni darba għal dejjem li 'l fuq mill-kwistjoni ta' xi'lsien wieħed jagħżel biex iħobb u jikteb bih, hemm il-fatt li fuq kollox tinsab il-kelma wiesgħa "Kitba" jew "Letteratura". F'bukkett ward ta' bosta lwien, l-importanti huwa l-bukkett. L-importanti li kull warda fil-varjetà tal-ġens hija tabilħaqq warda f'sikkitha biex il-bukkett ma jkollux żina ta' nofs preġju. Il-bukkett jixbah lill-"Kitba" jew lil-"Letteratura". Il-varjetà fil-ġens tal-fjur tixbah lix-xogħlijiet Maltin f'ilsna differenti. Aħna kemm-il darba rajna fit-"Town Hall" ta' Melbourne il-wirja ta' l-aħjar bukketti. Issa nimmaġinaw li kull librerija tad-dinja, sew pubblika u sew privata, hi bħat-"Town Hall", u niftakru li f'dawk il-libreriji, għall-pjaċir u l-ammirazzjoni tal-popli universali, jiltaqgħu l-Letteraturi kollha. Kemm għandna għax inħabirku, mela, biex il-Bukkett Malti kbir Letterarju mżewwaq b'kitba f'kull ilsien ikun ma' l-oħrajn; u jkun ma jgħajjibx lill-oħrajn.

Issa, biex inkomplu bit-tixbiha, sabiex il-Bukkett jisfa' sabiħ daqskemm qegħdin ngħidu, taqblu miegħi li m'huwiex biżżejjed ix-xogħol tagħna mill-Awstralja. Iżda sehemna rridu nagħtuh ħalli, nittamaw, ikun jiswa minnu nnifsu u biex jiswa ta' eżempju li jħajjar jagħmlu l-istess letterati Maltin kull fejn jinsabu mxerrdin matul id-dinja. J'Alla kull fejn hemm għaqdiet letterarji jżidu ħidmithom. J'Alla kull fejn m'hemmx, jitwaqqfu.

U meta jitwaqqfu, bħalma f'dan il-jum tal-Ħadd, 15 ta' Frar, 1959, qegħdin uffiċjalment niftħu l-"Għaqda tal-Kitba tal-Maltin fl-Awstralja", nagħmel appell qawwi lill-imxirkin biex, bl-ideal dejjem quddiem għajnejhom, iżommu l-għaqdiet weqfin fuq riġlejhom. Aħna l-imsefrin tajjeb inħarsu lejn it-tul tas-snin li jibqgħu ħajjin, bil-għajnuna ħerqana tal-membri, għaqdiet nobbli bħal tagħna. Lill-imsehbin ta' kullimkien nikkwotalhom biex jistaqsu lilhom infushom il-mistoqsijiet ta' ftit versi li ltqajt magħhom f'ġurnal ftit ġimgħat ilu :

Or are you just contented that your name is on the list?
Do you attend your meetings, and mingle with the flock?
Or do you stay at home and criticise and knock?
When you pay your dues, do you say, 'This makes me sick'?
And leave the work to just a few and talk about the clique?
Don't be just another member, but take an active part,
Go to your meetings often and help with hand and heart.
Think this over, will you, you know the right from wrong,
Are you an active member or do you just belong?"

Jekk qalbkom tħobb tassew l-ideal li twaqqfet għalih il-għaqda tagħkom, ħallu riġlejkom jimxu lejn il-laqgħat tagħha.

Nagħlaq billi nagħti l-ħajr lill-Kaptan Ġorġ Stivala, Kummissarju għal Malta fl-Awstralja, li laqa' bil-ġħożża li jkun il-President Onorarju, 'Ex Officio', lir-Rev. Dun H.B. Galea għal dak kollu li diġà semmejt, lilkom, imsehbin, li mingħajr il-kitba li bgħattuli u mingħajr il-wegħda, u l-lum it-twettiq, ta' miġjitkom ma kenitx tingħaqad il-"Għaqda", lis-Sur Joe Briffa, Editur tal-"Malta", li tani l-ikbar numru ta' l-indirizzi tagħkom, lil dawk kollha li naf personalment u wkoll li ma nafx u li bagħtuli apprezzamenti mill-qalb, u fl-aħħar imma, kif soltu ngħidu (u nifhmu) mhux l-inqas, lil marti, li bis-sabar semgħet il-pjani tiegħi għat-twaqqif tax-Xirka u tatni, bħal minn dejjem kemm ili nafha, kritika kostruttiva.

Ilkoll flimkien, minn din l-ewwel laqgħa stess u dejjem, ejjew, kif inhu l-għajdut tal-"Għaqda",

Ngħollu isem Malta bogħod minn xtutha.

RECENSJONIJIET

"PATRI LEOPOLDU MINN CASTELNUOVO", maqlub ghall-Malti minn P. Elija minn Hal Lija O.F.M. Kapp., Linotipia Ghidini e Fiorini, Verona, pag. 94.

jifhmuh kif imissu.

Il-faqar u s-simplicità ta' San Frangisk gibdu lejn dan il-qaddis simpatiku mhux biss l-eluf ta' patrijiet u ajkijiet ta' l-Ordni tiegħu, imma wkoll miljuni ta' devoti fid-dinja kollha.

Fl-1942 miet fi fwieħa ta' qdusija Patri Leopoldu, Kappuċċini, minn Castelnuovo. Fi żmien ghaxar snin inqalghu tant grazzji bl-intercessjoni tiegħu li sar il-Proċess ghall-Beatifikazzjoni tiegħu. Fi ktieb sabiħ ħafna naqraw il-ħajja miktuba minn P. Pietru minn Valdiporro u maqluba ghall-Malti minn P. Elija O.F.M. Kapp.

Din il-ħajja hija minsuġa minn ħafna kwadri qosra u ħelwin li juruna l-virtujiet sbieħ ta' dan il-Qaddis t'Alla u l-eghġubijiet ta' fejqan mill-mard u konversjonijiet li saru bl-intercessjoni tiegħu. d. f.c. ...

"SOĊJOLOĠIJA KATTOLIKA" ta' Patri Feliċjan, Kappuċċin, S.Th.D.—Empire Press. 1959. Pag. 328.

F'dawn iż-żminijiet li aħna fihom is-soċjetà ħadet sura ġdida u l-jeddijiet tal-bnedmin kif ukoll l-irbit ta' bejniethom, sviluppaw ghamla u qawwa ġdida. Il-lum iċ-ċittadin ghandu d-drittijiet teighu, iżda ghandu wkoll id-doveri lejn pajjiżu u lejn ghajru. Tant żdiedu u tant twettqu dawn id-drittijiet li ifformaw sistema li jirregola l-ħajja tal-popolazzjoni. L-istudju ta' dan is-sistema modern tal-ħajja huwa mrieġi minn metodi u kriterji li kollha flimkien jaghmlu x-xjenza tas-soċjoloġija.

Sfortunatament din ix-xjenza l-ġdida mhux kulħadd jaghtiha t-tifsira li ghaliha nħolqot. Hawn nies li jridu jinqdew bis-soċjoloġija ghall-ħsibijiet ta' moħhom, ħsibijiet li xejn ma huma retti u ġusti, ħsibijiet li jnisslu twegħir, taħwid u mibegħda.

Minħabba f'hekk dan il-ktieb huwa ta' ħtieġa ghal min irid jistudja s-soċjoloġija bil-ghaqal u bid-dehen u jitghallem minnha l-ħaqq u s-sewwa li jorbtu l-bnedmin bejniethom skond kif trid Ommna l-Knisja Mdaqqsa. Patri Feliċjan, l-awtur, ma hux dilettant fil-materja li itratta, iżda hu mghallem li ghandu esperjenza u huwa mharreg tajjeb fis-suġġett ghax ilu jħabbat moħħu fuqu u jaghti korsijiet dwaru mill-1949. Niftakru tajjeb il-kors fuq il-problemi soċjali li l-awtur kien ta fl-Università tagħna lill-impjegati gholjin taċ-Ġivil ghax dak il-kors ghadu jissemma sal-lum bħala *landmark* fis-soċjoloġija Maltija .

Dan il-ktieb huwa miktub ghal dawk li jinteressaw irwieħhom fis-suġġett u jixtiequ jitghallmuh biex ikunu jistghu jfissruh lil ħaddieħor; huwa mqassam f'lezzjonijiet kull waħda tittrata fuq aspett partikolari u miġbuda taħt forma sintetika biex dak li jkun jieħu l-idea u mbaghad ikun jista' jisviluppaha aktar fit-tul. Jiena ghoġbuni l-lezzjonijiet kollha, imma fosthom l-aktar li laqtitni kienet it-tmintax-il waħda li tittratta fuq *"Is-Soċjetà Ċivil: Il-Gvern"*, ghax fiha miġburin il-filosofija tal-ħakma fuq iċ-ċittadini Hekk ukoll laqtitni l-lezzjoni numru sitta fuq *"Il-Proprjetà Privata"*, suġġett li l-lum kulħadd iħambaq fuqu ghalkemm ftit jifhmuh kif imissu.

Il-ktieb huwa kompit billi fih bibljografija fit-tul li sservi bħala gwida għal min irid iżid jissaħħaħ fis-suġġett u inċidentalment hija xhieda tal-istudju u tar-riċerki li għamel l-awtur biex kiteb din l-opra.

G.

"SAN KARLU MINN SEZZE, O.F.M." Imniedi Qaddis mill-Q.T. il-Papa Giovanni XXIII nhar it-12 ta' April, 1959.— Royal Press, Gżira. — 1959.

Giena f'idejna dan id-daqsxejn ta' ktejjeb dwar il-ħajja ta' San Karlu minn Sezze, l-aħħar qaddis ġdid li ġie mgħolli għall-qima ta' l-artal u l-ewwel wieħed imniedi mill-Q.T. il-Papa Gwann XXIII.

Fi ftit kliem l-awtur isemmi episodji saljenti tal-ħajja ta' Karlu minn Sezze mit-twelid tiegħu fit-22 ta' Ottubru, 1613, f'Ruma, sa mewtu, fis-6 ta' Jannar, 1670. Matul dawn is-snin ta' ħajtu l-qaddis tagħna, bis-sabar u bl-ubbidjenza, ġera minn kunvent għall-ieħor u għamilha ta' sagristan, purtinar, kok u ġennien, saħansitra mar jittallab fit-triqat. Wieħed mill-aqwa mirakli kienet id-dehra ta' l-infern, dehra li tkexkex u trażżan lill-midinbin. Miraklu ieħor kien dak tar-raġġi li ħarġu mill-Ostja Mqaddsa biex ifejqu ġerħa li Karlu kien ilu jbati biha ħafna.

San Karlu minn Sezze kien ukoll kittieb, u bħala dan hu aktar għażiż għall-Membri tal-"Għaqda". Il-kotba tiegħu proża u poeżija "għandhom siwi kbir fil-qasam tal-letteratura mistika".

L-awtur kiteb qasir imma bi stil ċar u ħafif kif jeħtieġ biex jip-popolarizza d-devozzjoni lejn dan il-Qaddis ġdid. G.

SOCIETA' FILARMONICA NAZIONALE "LA VALETTE". Grajja Dokumentata ta' Rob. Mifsud Bonnici. Giov. Muscat, Malta. — 1959. Paġ. 48.

Is-Sur Robert Mifsud Bonnici hu l-awtorità fuq l-istorja tal-mużika f'Malta u fuq i-ġrajja tal-Baned Mużikali. Dan l-aħħar xogħol tiegħu jittratta fuq il-Banda ċittadina li dejjem għamlet ġieh lil pajjiżna f'Malta u barra minn Malta wkoll.

Il-ktieb fih storja dettaljata, illustrata u dokumentata tal-Banda mit-twaqqif tagħha fl-ewwel tas-sena ta' l-1875 mis-Sur Paul Darmanin u xi erba' diettanti tal-mużika, u matul il-ħajja tagħha sal-lum. Hemm deskrizzjonijiet ta' l-aqwa episodji fil-ġrajja tal-Banda u jissemmew ċirkostanzi li kellhom sehem fl-isvilupp artistiku jew soċjali tal-Banda, bħalma huma kunċerti taħt id-direzzjoni ta' surmastrijiet famużi, sehem f'festi nazzjonali, ġiti barra minn Malta u parteċipazzjoni f'konkorsi internazzjonali.

Il-ktieb fih ukoll tagħrif dwar Presidenti tas-Soċjetà Mużikali u noti bijografiċi tas-Surmastrijiet li jixtħu dawl fuq il-karriera tagħhom. Għoġobna l-mod kif inhu mqassam u sistemat dan il-ktieb u ħadna pjaċir naraw li l-awtur segwa l-manjiera ta' l-awturi moderni, jiġifieri li jikkwota dokumenti għal dak li jikteb. Hemm lista' ta' noti dokumentarji, iżda l-awtur xi minn daqqiet donnu jinsa jew igħaddi fuq fuq biss, ħwejjeġ importanti, bħalma huma: il-post fejn kien sewwa l-"branch" li s-Soċjetà "La Valette" kellha f'tas-Sliema għas-sajf (paġna 10); xi fatti politiċi li ġraw fil-każin ma ssemmew xejn, hekk ukoll ftit issemma l-effett li l-gwerra kellha fuq il-każin u s-soċjetà.

Madankollu l-awtur ħaqqu tifħir u inkoraġġiment għal din il-biċċa xogħol li żżid torqom u tirfed it-tempju ta' l-arti mużikali f'pajjiżna.

G.

KONTRIBUZZJONIJIET

Lista' ta' Kontribuzzjonijiet mill-Membri Akkademiči ghal-Fond tal-Kera u Bžonnijiet ohra tad-Dar tal-Ghaqda.

(Tkompli mal-Lista ippubblikata fuq il-kopertina ta' wara f' "IL-MALTI", Gunju, 1956).

Kontribuzzjonijiet ghas-Sena 1957

Prof. G. Galea	£1. 0. 0.
Prof. Kan. Mons. E. Coleiro	1. 0. 0.
Ivo Muscat Azzopardi, P.L.	1. 0. 0.
Rev. Karm. Farrugia	1. 0. 0.
Frangisku Saver Caruana	15. 0.
Rob. Mifsud Bonnici	1. 0. 0.
Rev. Frans Camilleri	1. 10. 0.
Prof. Mgr. P.P. Saydon	1. 0. 0.
Patri Piju Rapa, O.P.	1. 0. 0.
A. Cremona	1. 0. 0.
	1. 0. 0.

Barra minn dawn irčevejna wkoll minn ghand is-Segretarju ta' Laqgha Letterarja l-bilanč ta' dhul mit-trasmissjonijiet li saru mir-Rediffusion tal-poeziji u proza li kienu ngraw f'dik il-Laqgha Letterarja u li kien propost imur favur il-Fond wara li jithallsu l-spejjeż.

Bilanč	£3. 11. 0.

Kontribuzzjonijiet ghas-Sena 1958

Mario Agius	£1. 0. 0.
Prof. Kan. Mons. E. Coleiro	1. 0. 0.
Rev. Karm. Farrugia	1. 0. 0.
Sinjura Giuseppina Attard Montalto	1. 0. 0.
Rev. Danjel Glavina S.J.	1. 0. 0.
Guzè Chetcuti	1. 0. 0.
Rev. Piju Rapa, O.P.	1. 10. 0.
Frangisku Saver Caruana	1. 0. 0.
A. Cremona	1. 0. 0.
Prof. G. Galea	1. 0. 0.
Dr. Ružar Briffa	1. 0. 0.
G. Porsella Flores	1. 0. 0.
Rev. Karm. Sant	1. 0. 0.
Rob. Mifsud Bonnici	1. 0. 0.

Kontribuzzjonijiet ghas-Sena 1959

Rob. Mifsud Bonnici	£1. 0. 0.
Ivo Muscat Azzopardi	1. 0. 0.
Dr. Wallace Ph. Gulia	1. 0. 0.
Rev. P. N.N.	1. 0. 0.
Frangisku Saver Caruana	1. 0. 0.
Rev. G. Delia, S.J.	1. 0. 0.
Reginald Valla Tomlin	1. 0. 0.
Prof. G. Galea	10. 0.
A. Cremona	1. 0. 0.
Rev. Frans. Camilleri	1. 0. 0.
Prof. Kan. Mons. E. Coleiro	1. 0. 0.